



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Settembru 2018
(OR. en)

11947/18

SOC 522
EDUC 313

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar tliet membri tal-Bord Governattiv taċ-
Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għal Spanja, is-
Slovakkja u Ċipru

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'...

**li taħtar tliet membri tal-Bord Governattiv
taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali
għal Spanja, is-Slovakkja u Ċipru
(2018/C .../...)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 tal-10 ta' Frar 1975 li jwaqqaf
Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-listi tal-kandidaturi ppreżentata lill-Kunsill mill-Gvernijiet tal-Istati Membri
rigward ir-rappreżentanti tagħhom, u mill-Kummissjoni rigward ir-rappreżentanti tal-
organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-organizzazzjonijiet tal-impjegati,

¹ ĠU L 39, 13.2.1975, p. 1.

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tas-16 ta' Lulju 2018¹ u r-Rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Lulju 2018², il-Kunsill ħatar il-membri tal-Bord Amministrattiv taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għall-perijodu mit-18 ta' Settembru 2018 sas-17 ta' Settembru 2021.
- (2) Il-Kummissjoni ppreżentat kandidatura waħda fir-rigward tar-rappreżentanti tal-impjegati.
- (3) Spanja u s-Slovakkja ppreżentaw żewġ kandidaturi fir-rigward tal-organizzazzjonijiet tar-rappreżentanti tal-gvern.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Lulju 2018 li ġġedded il-Bord Amministrattiv taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (ĠU C 253, 19.7.2018, p. 9).

² Rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Lulju 2018 li ġġedded il-Bord Amministrattiv taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (ĠU C 325, 14.9.2018, p. 20).

Artikolu 1

It-tliet persuni li ġejjin huma b'dan maħtura membri tal-Bord Governattiv taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għall-perijodu li jintemm fis-17 ta' Settembru 2021:

I. RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNJIET:

Spanja	Is-Sinjura Clara SANZ LÓPEZ
Slovakkja	Is-Sur Juraj VANTUCH

II. RAPPREŻENTANTI TAL-ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-IMPJEGATI:

Ċipru	Is-Sur Evangelos EVANGELOU
-------	----------------------------

Artikolu 2

Il-Kunsill għandu jaħtar membri li għadhom ma ġewx innominati f'data aktar tard.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ... ,

Għall-Kunsill

Il-President
